# L-ISKEJJEL TAL-GVERN

## It-Tagħlim f'Malta

Minn Ġużè Gatt

(*Ara għadd 76 paġ. 59*)

Din il-biċċa ta' l-Iskola fil-Knisja tas-Salvatur, ma għoġbitu xejn lil Mons. Duzzina. Għalhekk, fir-Rapport tiegħu li kien għamel fuq il-Knejjes, wissa biex din l-Iskola titneħħa minn hemm.

Duzzina ried jaf ukoll jekk is-Surmast tal-Iskola hux qiegħed jiġi maħtur sewwa, kif jgħid il-Konċilju ta' Trentu. Għalhekk staqsa lil Dun Anton Bartolo, il-Vigarju ta' l-Isqof Royas, jekk is-Surmast ta' l-Iskola għaddiex mill-eżami li sarlu, u jekk dana għamilx il-professjoni tal-fidi. Dun Anton wieġeb li dana s-Surmast ma għamilhiex il-professjoni tal-fidi. Terġa' billi hu Malti, u magħruf b'raġel sewwa ħafna hawn Malta, ma ġiex eżaminat qabel laħħquh Surmast.

Is-Surmast ta' l-Iskola ta' l-Imdina fl-1575, ma għandniex xi ngħidu, kien Pietru Camilleri, dak li semmejna iżjed 'il fuq. Konna għedna wkoll li l-Kattidral ta' l-Imdina kien joħroġ xi flus biex dana s-Surmast tal-Iskola jgħallem lid-djakni tagħha. Fi żmien Duzzina nsibu, li l-Kattidral kien iħallas 20 skud fis-sena għas-Surmast ta' l-Imdina. Diż-żjieda kienet mogħtija mill-Kattidral wara laqgħa tal-Kapitlu li saret fis-17 ta' Settembru, 1572. B'hekk, il-Kattidral żjied lil Camilleri fi żmien wieħed li kienet żiditu l-Università.

Mela, Pietru Camilleri, bejn il-flus li kien jieħu minn għand l-Università u bejn li jagħtih il-Kattidral, kien idabbarlek, b'kollox, 62 skud u 6 rbgħajja fis-sena. Dawn iġibu mat-tliet soldi kuljum.

Għall-ħlasijiet li dari kienu jagħtu lis-Surmast tal-Iskola ta' l-Università, ma jinħtieġx li noqogħdu ngħidu biex il-qarrej ma jħarisx lejn l-għadd tal-flus biss, iżda jħares ukoll lejn iż-żminijiet li jkunu. Bħalma jaf kulħadd, jekk il-flus li semmejna ma huma xejn għall-lum, għaż-żminijiet ta' dari kienu biżżejjed biex wieħed jista' jgħix bihom.

Fiż-żmien li Mons Duzzina qagħad fostna, f'idejh tawh il-proċessi kollha li kienu saru mill-Isqfijiet Cubelles u Royas. Ma tawhx biss dawk ta' Petit u Ġiżwaldu, billi dawn aktarx kienu ntbagħtu f'Ruma, bħalma għedna iżjed lura.

Duzzina fela l-karti kollha li tawh, u beda jsejjaħ quddiemu lil dawk in-nies li kienu ġew mixlija fil-proċessi li semmejna.

Fost dawk li deħru quddiemu, sab li xi wħud waqgħu mill-ġdid fl-għeltijiet li fihom kienu qabel. Iżda dawn reġgħu nidmu minn dnubiethom u għamlu ċ-ċaħda tagħhom fil-Knisja. tal-Lunzjata tal-Birgu.

Kull meta beda jkun hemm nies imhejjija li jindmu minn dnubiethom, fil-Knisja tad-Dumnikani kienet issir funzjoni kbira. Il-ħatja jitilqu bi proċessjoni mill-ħabs tal-Palazz ta' l-Ingiżitur għall-Lunzjata. Imbagħad, waqt il-ħin tal-għasar, il-midinbin kienu jagħmlu ċ-ċaħda tagħhom quddiem dawk il-ħafna nies li jkun hemm. U minn fuq il-pulptu tal-Knisja li semmejna, tinqralhom is-sentenza tal-penitenza tagħhom.

Fil-proċessi li saru quddiem Duzzina, fost dawk li ġew imsemmija li reġgħu waqgħu mill-ġdid fl-għeltijiet ta' qabel, insibu lill-Kjeriku Wenzu Falzon u lil Matti Falzon (1) il-magħruf b'Saħħar Falzun. Iżda dawn, malli semgħu bil-miġja fostna ta' Mons. Duzzina, telqu u għosfru minn hawn. Wenzu u Matti tmellħu milli l-Isqof Cubelles kien waħħal-hom li ma jistgħux jitwarrbu mill-Gżira, bħalma għedna iżjed lura. Wenzu mar lejn Franza, fejn hemm seta' jxerred il-għeltijiet tiegħu bla ebda biża' ta' xejn; u Matti ħarab lejn Sqallija, fejn hemm baqa' jgħix bil-moħbi. B'dana kollu, għalkemm Wenzu u Matti ħarbu minn hawn, il-proċess tagħ-hom sar xorta waħda. U billi fil-proċess li sarilhom, ġie magħruf li tassew kienu reġgħu waqgħu fl-għeltijet ta' qabel, l-Isqof Royas u Mons. Duzzina xlewhom bħala midinba kbar.

Imħabba li Wenzu u Matti siefru minn hawn, il-Qorti tal-Ingiżitur ma setetx tiksibhom taħt idejha. Iżda f'dak iż-żmien kienet drawwa, li meta l-mixli ma jinsabx, kienu jagħmlu s-sura tiegħu u jqisuha bħala l-ħati n-nifsu. U hekk sar f'din il-biċċa ta' Falzunijiet.

Fid-29 ta' Mejju 1575, is-sura ta' Wenzu u Matti kienu me-ħuda fil-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu. Hemm, waqt funzjoni kbira li saret, inqraw is-sentenzi ta' Wenzu Falzon u Matti Falzon. Dawn, kienu imxandra b'leħen għoli, minn fuq il-pulptu quddiem għadd kbir ta' nies kbar u żgħar, u minn ta' kull xeħta li kien hemm fil-Knisja li semmjna. Wara, is-sura tagħ-hom ġew mitluqa f'idejn il-Qorti tagħna. U din wara li tat sentenza oħra hi wkoll, għamlet ħaqq minnhom, billi tefgħet is-sura tagħhom fin-nar.

Is-sentenza ta' Matti Falzon, li ġiet imxandra bit-Taljan fil-Knisja tal-Lunzjata tal-Birgu, kienet tgħid hekk: "*Diciamo, pronunciamo, ecc. te, Matteo Falzon, essere relasso, e come tale doverti dare al braccio secolare, e per questa nostra sentenza, come tale, ti scacciamo dal nostro foro ecclesiastico, e, non*

(1) Xi wħud lil dana Matti iġibuh bħala qassis, u kanonku, fil-ħin li Matti, minn dak kollu li qalu li hu, ma kien xejn.

*potendoti avere in persona, nella tua Statua e forma ti diamo al braccio secolare, committendoli che circa di te faccia quel che di ragione è tenuto di fare: dichiarando gli tuoi beni essere confiscati secondo l'ordine di Sua Beatitudine, per la metà del fisco del Gran Maestro e per l'altra al Sant'Uffizzio di Malta.*"

Is-sentenza ta' Wenzu Falzon kienet bħal ta' Matti, iżda billi Wenzu ma kellux bini x'jaqbdulu, bħalma kellu Matti, ma ħadulu xejn.

Iżjed lura konna għedna, li l-Università ta' l-Imdina għamlet wegħda biex Malta tiġi meħlusa mit-Torok, meta dawn ħabtu għaliha fl-1565. Għedna wkoll, li fost il-flus li l-Università kienet tiġbor minn għand in-nies biex twettaq il-wegħda tagħha u żżewweġ ix-xebbiet fqar, Matti Falzon kien jagħti wqija u nofs fis-sena minn fuq il-ġid li kellu. U dan intrabat ma' l-Università li jagħmlu, sena wara li kien nidem l-ewwel darba fl-1564. Iżda, meta fl-1575 lil Matti Falzon qabdulu ġidu, għax raġa' waqa' fl-għeltijiet ta' qabel, qabżet l-Università biex tibqa' tieħu l-uqija u nofs li Matti kien marbut magħha li għandu jagħti ta' kull sena. Għal din it-talba, la l-Ingiżitur u lanqas il-Gran Mastru ma qanqlu tfixkil biex din ma teħodhomx. Fuq hekk, l-Università baqgħet tieħu l-uqija u nofs minn fuq il-bini ta' Matti Falzon, bħalma hekk kienet tagħmel qabel ma ħadulu ġidu.

Wara xi żmien, it-tfal ta' Matti qanqlu tilwima dwar il-ġid maqbud ta' missierhom. Fuq dan kienet saret kawża; iżda kif din spiċċat, ma sibniex. Biss nafu li l-ġid ta' Matti baqa' maqsum f'idejn l-Ingiżitur u l-Gvern tagħna.

Minn dan li għedna fuq Matti Falzon, naħsbu li l-qarrejja ntebħu kemm huma ħrejjef fiergħa u battala dawk il-ħwejjeġ li ntqalu minn xi kittieba dwar is-"Saħħar Falzun." Barra minn hekk naraw ukoll, li meta jinzerta li jersaq xi wieħed quddiem l-Ingiżitur ta' Malta u jibqa' jwebbes rasu fl-għeltijiet li jkun waqa' fihom, l-Ingizitur ma kienx jagħtih il-mewt hu. Mis-sentenzi ta' Falzunijiet, u minn sentenzi oħra wkoll li ġew f'idejna, insibu li s-sehem li kellu l-Ingiżitur f'dina l-biċċa, kien qisu, ingħidu aħna, xorta waħda bħalma jagħmel l-Avukat Prosekutur il-lum. Wara li l-Ingiżitur jagħmel il-kompilazjoni tal-proċess ta' dak li jkun, u dan ma jkunx irid jindem minn dnubietu, l-Ingiżitur jixlih fuq ħtijietu u jitilqu f'idejn il-Qorti tagħna. U waqt li jsir dan, l-Ingiżitur jitlobha wkoll biex tagħmel ħaqq miegħu, (mal-ħati), billi tagħtih dak li jkun jistħoqqlu. Iżda, għalkemm il-Qorti tagħna tieħu l-ħati taħt idejha, qabel tagħmel ħaqq minnu, kienet terġa' tagħtih sentenza oħra hi wkoll, bil-Latin, imsejsa fuq il-Liġijiet li kellna f'dawk iż-żminijiet. Barra minn dan, is-sentenza li tagħti, kienet tiġi mwettqa min-nies tal-Ħaqq tagħna biss, bla ebda ndħil ta' xejn mill-Ingiżitur.

Fuq għemil l-Ingiżizzjoni f'Malta, jissemmew bosta għajdut dwar xħit ta' nies fil-bir tas-skieken, tqattigħ u ticrit tal-ġisem, titjir ta' laħam in-nies mas-saqaf u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Iżda, milli rajna minn dak li għedna, nieħdu, li jekk l-Ingiżitur l-anqas biss ma kien jagħti sentenzi ta' mewt lil dawk li kienu jgħeltu fid-Din tagħna, kif jista' jkun li kien joqtol dawk in-nies bil-kefrijiet li jsemmu? Għalhekk naħsbu, li dawk il-ħwejjeġ li jgħidu, ma humiex ħaġ'oħra ħlief ħolm ta' mħuħ imħawda bil-kitba ta' xi wħud li ma huma mgħarrfa xejn sewwa dwar l-Ingiżizzjoni ta' Malta.

Għalkemm l-Ingiżizzjoni kienet ilha s-snin f'Malta qabel l-1574, iżda Duzzina ried ikun biex ikollha Palazz għall-Qorti u l-Ħabs tagħha. Il-Palazz, Duzzina kisbu minn għand l-Ordni b'xejn. Dan qabel kien Qorti u Ħabs tagħna fi żmien li l-Ordni kien igħammar fil-Birgu.

Duzzina kien miġjub ħafna mill-Gran Mastru. Il-miġja tiegħu hawn kienet milqugħa b'ferħ kbir mill-Ordni. U l-qagħda tiegħu fostna kienet miżmuma b'ġieħ u qima mill-akbar. Iżda, meta fl-1575 Duzzina siefer minn hawn, l-Ordni ra tgħib minn quddiem għajnejh ferħa bla temma.

Flok Duzzina ġie Ingiżitur ieħor. Għalhekk l-Ordni, meta talab lill-Papa biex jibgħat wieħed hawn li ma jkollux x'jaqsam ma' l-Isqof, ġie tefa' l-ġebla fuq saqajh. L-Ordni ma riedx li n-nies tiegħu jaqgħu taħt is-setgħa ta'l-Isqof, iżda b'egħmilu ġralu bħal dak li ħeles mill-qattara u weħel fil-miżjeb, jew, bħalma igħidu oħrajn, mit-taġen waqa' fin-nar. Iżda, jekk lil Duzzina l-Ordni wrieh wiċċ ħlejju, ma' l-oħrajn li ġew warajh, mexa magħhom ta' mqit bis-sħiħ. F'kelma waħda, l-Ingiżi-izjoni f'Malta bdiet tiġi meqjusa mill-Ordni bħala għoqla fuq l-istonku tiegħu, billi lil din, wara t-tluq ta' Duzzina minn hawn, ma setax jġerragħha iżjed qatt.

Biż-żieda ta' Kap ieħor f'Malta, din id-daqsxejn ta' Gżira ġiet maqsuma taħt tliet setgħat. Min kien taħt il-Gran Mastru, min taħt l-Ingiżitur u min taħt l-Isqof. Iżda, għalkemm kull setgħa kienet għaliha, is-setgħa ta' l-Ingiżitur kienet tinfirex fuq kulħadd, sew jekk huma Kavalieri jew qassisin, kemm ukoll jekk mhumiex. Billi l-Ingiżitur hawn kien jidher għall-Papa, is-setgħa li kellu, kienet kbira wisq.

Meta l-Ordni ra li fil-Gżira li jaħkem qiegħed isaltan kap ieħor b'dik is-setgħa kollha, kien għela wisq. Hawn l-Ordni ntebah li, b'għaqlu kollu, ma għamilx ħaġ'oħra ħlief daħħal il-lifgħa f'ħobbu. Fuq hekk l-Ordni mhux biss kien jitmasħan ma' Ruma dwar is-setgħa ta' l-Isqof, imma beda jitħaqqaq ukoll fuq is-setgħa li kellu l-Ingiżitur.

B'dawn il-ħafna setgħat fi Gżiritna, l-Ordni sab ruħu f'bosta taħbit, u biex jara jeħlisx minn dan, kien dejjem ifittex li jnaqqas mis-setgħa li kellhom l-oħrajn, ħalli jżid lil tiegħu.

Iżda l-oħrajn ma kenux iħalluhielu ħelwa għall-melħa, għax ma kienux jibqgħu lura anqas minnu f'din il-biċċa. Terġa', biex kulħadd jirnexxilu jasal fil-ħsieb tiegħu, wieħed kien isawwar lill-ieħor bi lwien koroh mill-aktar li jista' jkun, ħalli quddiem Ruma jidher sabiħ hu biss.

It-tilwim li l-Ordni kien ikollu ma' l-Isqof u ma' l-Ingiżitur, u dawn ma' l-Ordni, kien dejjem sejjer, bla ma jehda u jaqta' xejn. Nistħajlu li lil Ruma kienu xebbgħuha sa xfar għajnejha u dejquha għall-aħħar b'dan it-tilwim, li, bosta drabi, ikun fuq ħwejjeġ li ma kinux ta' ħtieġa kbira. Iżda kemm il-Gran Mastru u kemm l-oħrajn ma kienu jaqtgħu qalbhom minn xejn. Jekk wieħed igħid "abjad," l-ieħor malajr jara x'jaqla' biex juri li dak hu "iswed". B'hekk, dejjem kienu jsibu jgħidu xi ħaġa, biex jissieltu wieħed ma' l-ieħor u jfittxu x-xagħra fil-għaġina ta' xulxin. U dat-tilwim jidher li ma kien bi ħsiebu jispiċċa qatt li, fl-1798, ma ġiex Napuljun Bonaparti hawn. Dan malajr ta daqqa fil-laħam il-ħaj, billi neħħa s-setgħa li kellhom l-oħrajn u għadda kollox f'idejn il-Gvern tal-Gżira biss. U b'hekk ta tmiem lill-tilwima li kienet ilha sejra s-snin il-kbar.

*(Jissokta)*

---